MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Numru 409/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**Vs.**

**JOSEPH TONNA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Tonna ta' 48 sena, bin Alfred u Carmela nee Cachia, imwieled Siggiewi fis-27 ta' Lulju, 1961 u joqghod Redeemer, 72, Triq Hal Tarxien, Gudja detentur ta' karta ta' identita bin-numru 628861M.

a. Billi huwa akkuzat talli fis-6 ta' Frar 2003 u/jew fix-xhur ta' wara din id-data, f'dawn il-gzejjer xjentement laqa

ghandu jew xtara hwejjeg misruqa (vettura tat-tip Peugeot 406 li l-valur taghha huwa ta' aktar minn €2329.37), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

b. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tgharif falz billi wahhal sett pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru BBN537 fuq vettura differenti minn dik li ghaliha kienu jappartjenu l-istess pjanci ta' registrazzjoni u cioe wahhal l-istess pjanci fuq vettura tal-marka Peugeot 406 bin-numru ta' registrazzjoni originali ABI421;

c. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, billi wahhal sett pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru BBN537 fuq vettura differenti minn dik li ghaliha kienu jappartjenu l-istess pjanci ta' registrazzjoni u cioe billi wahhal l-istess pjanci fuq vettura tal-marka Peugeot 406 bin-numru ta' registrazzjoni originali ABI421;

d. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u cirkostanzi, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun, baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru ta' l-identifikazzjoni ta' chassis jew makna ta' jew fuq vettura bil-mutur u cioe billi wahhal numru tax-chassis falz jaqra VF38BP8CE80228124 fuq vettura tal-marka Peugeot 406 bin-numru tax-chassis originali jaqra VF38BP8CE80219688 u bin-numru ta' registrazzjoni originali ABI421;

e. U aktar talli nhar 24 ta' Novembru 2009, gewwa l-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Paul Caruana vs Mark Grech et, halef il-falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

f. U fl-ahhar nett talli irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikolu 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li huwa hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni tieghu u tahtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li huwa hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat fil-presenza ta’ l-Avukat difensur tieghu Dr. Michael Sciriha iddikjara li huwa minn issa qieghed iwieghed li hu jixhed f’kull kawza li l-Prosekuzzjoni lesta li ssejjahlu rigward l-investigazzjonijiet relatati ma’ dan il-kaz.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-ufficjali Prosekuturi l-Ispettur Stephen Mallia u l-Ispettur Christopher Pullicino iddikjaraw li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 334, 188, 189, 298D, 106 u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Joseph Tonna, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat fil-presenza ta’ l-Avukat difensur tieghu Dr. Michael Sciriha iddikjara li huwa minn issa qieghed iwieghed li hu jixhed f’kull kawza li l-Prosekuzzjoni lesta li ssejjahlu rigward l-investigazzjonijiet relatati ma’ dan il-kaz u li fil-Verbal tas- Seduta tallum l-

ufficjali Prosekuturi l-Ispettur Stephen Mallia u l-Ispettur Christopher Pullicino iddikjaraw li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat Joseph Tonna taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Joseph Tonna ghall-piena ta' erba' t'elef, sitt mija u disa' u hamsin (Euro 4659) multa.

Inoltre il-Qorti a tenur tal-artikolu 109 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda timponi fuq l-imputat Joseph Tonna interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-istess imputat iservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit f'kull kaz li jkun, u dan ghal zmien ghaxar (10) snin millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Tonna l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li kopja ta' din is-Sentenza flimkien mal-atti kollha ta' dan il-Procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------